**87. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi**:

Illi l-Kamra wara li bir-riżoluzzjoni tagħha tad-19 ta' Ottubru, 1977, iddeċidiet li tqis bħala ksur ta' privileġġ, ir-rimarki dispreġġjattivi fuq il-Ministru ta'l-Industrija, Sajd u Agrikoltura magħmula mis-Sur Antoine Vella ta' 13, Flat1, Filippo Sciberras Square, Floriana, persuna li kienet preżenti għas-seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Ottubru, 1977;

Il-Kamra tordna lill-istess Antoine Vella biex jidher quddiemha fis-Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 1977, fis-6.00 p.m. biex igħid għaliex m'għandux ikun dikjarat ħati ta' ksur ta' privileġġ tal-Kamra; u

Il-Kamra tordna wkoll li fl-istess seduta u fl-istess ħin, jinġiebu dawn ix-xhieda;

Is-Sur Anthony Vella ta' 17 Broad Street, Ħamrun; u
s-Sur Vincent Bonello ta' House 1, Tar-Rabbat Estate, Ħamrun.

19.10.1977